# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum il-Ġimgħa 7 ta' Marzu, 2025**

**Rikors ġuramentat nru.: 103/2019MH**

**Numru: 5**

**Mintoff Carmel u martu**

**Anna Mintoff kif ukoll Dolores Mintoff.**

**Vs**

**Emmanuel Bezzina u b'digriet tal-24 ta'**

**Mejju, 2019 intervenit fil-kawża Veronica**

**Brincat.**

Il-Qorti.

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess u mitlub li ġej:

1. *"Illi l-attrici Dolores Mintoff dahlet ghal konvenju mal-intimat datat 5 ta' Mejju 2017 fejn huwa kien intrabat li jbiegh u jitrasferixxi lilha duplex penthouse markata numru 4, inkluz l-arja libera taghha, formanti parti min blok appartamenti bla numru u bl-isem ta' Speranza Court' taghti ghal fuq Vjal l-Indipendenza Mosta; [Dok DMI]*

2. *Illi l-konvenju ghadu ma' skadiex u l-partijiet qed igeddu l-validita tieghu, b'dana illi ghal ragunijiet li jafhom hu, l-intimat mhux qed jersaq ghall-att finali ta' bejgh kif huwa obbliga ruhu li jaghmel;*

3. *Illi anke r-rikorrenti Carmel u Anna Mintoff ghamlu konvenju iehor datat 29 ta' Frar 2016 kif korrett fid-19 ta' Settembru 2017 ukoll mal-istess intimat u dana fejn huwa intrabat li jbiegh u jitrasferixxi lir-rikorrenti l-appartament numru 3 fl-istess blokka bl-isem ta' Speranza Court gewwa Vjal l-Indipendenza Mosta;*

4. *Illi anke hawn, il-konvenju ghadu ma' skadhiex u l-partijiet qed igeddu l-effetti tieghu izda ghal ragunijiet li jafhom hu, l-intimat ma' hux qed jersaq ghall-att finali ta' bejgh kif huwa obbliga ruhu li jaghmel;*

5. *L-imsemmija zewg konvenji gew redatti minn Nutar Roberta Borg;*

6. *Illi r-rikorrenti jixtiequ li huma u l-intimat jaddivjenu ghall-atti finali ta' bejgh ai termini tal-konvenji imsemmi u ghalhekk qedha ssir dina l-kawza;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tikkundana lill-konvenut jaddivjeni ghall-kuntratt ta' bejgh flimkien mar-rikorrenti Dolores Mintoff ai termini tal-kondizzjonijiet pattwiti in forza tal-konvenju citat tad-duplex penthouse, markata bin-numru 4, bl-arja libera taghha gewwa l-blokka bla numru izda bl-isem ta' Speranza Court' Vjal l-Indipendenza Mosta u dana skond konvenju redatt minn Nutar Roberta Borg u datat 5 ta' Mejju 2017;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut jaddivjeni ghall-kuntratt ta' bejgh flimkien mar-rikorrenti Carmelo Mintoff u martu Anna Mintoff ai termini tal-kondizzjonijiet pattwiti in forza tal-konvenju citat tal-appartament markat numru 3, gewwa Speranza Court fi Vjal l-Indipendenza Mosta u dana skond il-konvenju redatt minn Nutar Roberta Borg datat 29 ta' Frar 2016 kif korrett fid-19 ta' Settembru 2017;*

3. *Tinnomina Nutar biex jircievi iz-zewg kuntratti relattiv;*

4. *Tinnomina kuratur minn dina l-Qorti sabiex jirrapresenta lill-eventwali kontumaci fuq iz-zewg kuntratti relattiv;*

*5. Tiffissa dina l-Onor. Qorti il-jum, il-hin u l-lok ghall-esekuzzjoni taz-zewg kuntratti relattivi;*

*Bl-ispejjez u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat li l-konvenut Emanuel Bezzina nonostante li kien debitament notifikat baqa' kontumaċi.

Rat li aktar tard hu prova jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, pero' dan ġie miċħud b'deċiżjoni ta' din il-Qorti datata 12 ta' Ġunju, 2023[1]

Rat ukoll li aktar tard kif jidher supra din il-Qorti laqgħet talba għall-intervjent fil-kawża ta' Veronica Brincat, li da parti tagħha preżentat risposta ġuramentata fejn eċċepiet[2] li :-

*"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:*

a) *Fl-ewwel lok u in linea preliminari, illi l-konvenji bejn il-kontendenti skadew u ma ghadhomx aktar enforzabbli u ghalhekk l-atturi iridu qabel xejn jippruvaw illi l-konvenji li talvolta setghu dahhlu fihom baqghu vigenti u ghadhom hekk sallum in segwitu ghat din l-odjerna procedura, altrimenti din l-azzjoni hija irritwali.*

b) *Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-su-espost, illi l-atturi ma segwewx il-procedura stabbilita fl-Artiklu 1357 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ukoll l-irritwalità ta' dawn l-odjerni proceduri.*

c) *Minghajr pregudizzju ghas-su-espost u fil-mertu illi l-konvenut, li stranament u/jew forsi konvenjentament baqa' kontumaci, qatt ma seta' jidhol fil-konvenju mal-atturi Carmelo Mintoff u Anna Mintoff*

[1] Folio 133.
[2] Folio 25.

*peress illi l-proprjeta' ma kinitx tieghu fid-data tal-allegat konvenju (29.02.2016).*

d) *Ukoll, illi l-konvenut Emanuel Bezzina kien ukoll in badfaith meta dahal fil-konvenju ma' l-attrici Dolores Mintoff fl-istess gurnata (5.05.2017) illi rrexxinda l-kuntratt ta' donazzjoni ta' l-istess proprjetà mertu ta' din il-kawza, u liema kuntratt ta' rexxissjoni kien u ghadu soggett ghall-iskrutinju tal-Qorti fil-kawza 774/17AE, f'liema kawza dik ir-rexxissjoni qed tigi mpugnata bl-effett finali f'kaz ta' ezitu posittiv ikun illi l-proprjeta' mertu tal-kawza mhix tieghu,*

e) *Ukoll, illi l-konvenut Emanuel Bezzina kien ukoll dejjem in badfaith ma' l-atturi, kull meta ghamel estensjoni jew proroga tal-konvenji mertu ta' dawn il-proceduri anke ghall-perjodi ta' zmien li fihom kien jaf illi ma setghax jitrasferixxi, peress illi huwa kien jaf ben tajjeb illi b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-26 ta' Settembru 2017 (Mandat inibizzjoni 1257/2017TA), huwa gie prekluz milli jbiegh u jittrasferixxi.*

f) *Illi in vista ta' tali Inibizzjoni li ghandu l-konvenut Emanuel Bezzina, li l-atturi ukoll kien jafu bih kienet ukoll improponibbli l-odjerna kawza anke ghaliex ma' ghandhomx l-interess giuridiku rikjest bil-ligi, interess guridiku illi irid jissussisti fil-kawza kif u meta proposta u jrid ikun interess illi jissarraf, u hija ghalhekk certament irritwali minhabba l-impossibilità ta' trasferiment fil-mument tal-konvenju u/jew tal-prorogi u/jew tal-bidu ta' din l-azzjoni.*

g) *Ukoll illi in vista tal-premess u ta' dak kolpit bih il-konvenut Emanuel Bezzina, ma jmissu qatt baqa' kontumaci u kellu obbligu li jirrispondi ghal din il-kawza billi, jekk xejn, ifiehem u jeceppixxi l-impossibilita' tieghu illi jittrasferixxi l-proprjeta' in vista ta' l-Inibizzjoni kolpit bih kif hawn fuq imsemmi.*

*Salv risposta ulterjuri.*

*Bl-ispejjes kontra l-atturi u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-mittenti."*

Semgħet u rat ix-xhieda kollha prodotta wkoll l-atti allegati

Rat it-tlett noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat.

Illi din il-kawża hija waħda xprunata minn żewġ konvenji bejn Carmel Mintoff u martu Anna minn naħa u l-attriċi Dolores Mintoff minn naħa l-oħra mal-konvenut Emanuel Bezzina biex ta' l-aħħar ibiegħ lill-atturi żewġ appartamenti bin-numri 3 u 4 u kif jidhru fir-rikors promotur, fil-każ tal-konjuġi wkoll b'garaxx inkluż.

Ta' dawn il-konvenji ġiet preżentata kemm il-kopja u kopji ta' estensjoni, ukoll ir-registrazzjoni skont il-liġi mal-Kummissarju tat-Taxxi, ukoll reġistrazzjoni ta' estensjoni ta' l-istess konvenju.[3]

Tqis li għalkemm il-konvenut kontumaċi jinsisti li hu lest li jersaq għall-kuntratti finali, jirriżulta li almenu sa fejn jirrigwarda appartament minnhom, dak bin-numru 4, il-bejgħ ma jistax jsir għaliex dan ġie mogħti b'donazzjoni lill-intervenuta fil-kawża. Din il-kwistjoni hi soġġetta għall-appell wara sentenza ta'

[3] Folio 4, folio 7, folio 8, folio 9, folio 12, folio 13, folio 41, folio 45, folio 47, folio 50.

din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Veronica Brincat vs Tiziana u Emaunuel Bezzina**[4]**.** Tara wkoll li dan l-appartament kien milqut b'żewġ mandati ta' inibizzjoni mressqa minn Veronica Brincat biex tikkawtela d-drittijiet tagħha.[5]

Pero' minn barra dan l-ostakolu u dak li l-intervenuta tippretendi mingħand il-konvenut Emanuel Bezzina, ġiet mressqa eċċezzjoni ta' natura proċedurali li trid bilfors tiġi trattata biex il-Qorti tkun tista' wara tgħaddi biex tikkonsidra l-mertu.

Fil-fatt l-intervenuta fil-kawża tressaq żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li t-tnejn jolqtu l-eżistenza u l-enforzabilita' tal-konvenji wkoll l-irritwalita' tal-azzjoni proposta.

**L-eċċezzjonijiet preliminari.**

Kif intqal l-atturi jressqu diversi estensjonijiet fir-rigward ta' kull konvenju[6]. <u>Tqis li din il-kawża ġiet intavolata fl-4 ta' Frar, 2019 allura fit-terminu ta'l-estensjonijiet riferuti</u>. PERO', la mix-xhieda u lanqas mill-atti esebiti ma jidher li

[4] Dok VBX folio 108 kopja informali.
[5] Mandat ta' Inibizzjoni 659/17AE u 1256/17/1TA allegati.
[6] **<u>Ara dok DM2 folio 8 fir-rigward tal-fond bin-numru 3 u folio 50 fir-rigward tal-fond numru 4.</u>**

nonostante li din l-proċedura hija ntiża biex jiġu enforzati żewġ konvenji, li ġiet segwita l-proċedura propja fir-rigward.

Bla dubbju din il-proċedura proposta hija u tista' biss tkun waħda maħsuba fl-artikolu 1357 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' hekk il-Qorti se tagħmel ampja referenza għall-ġurisprudenza lokali, sew ċitatata fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intervenuta fil-kawża.

Insibu dan:-

Fid-deċiżjoni **Tal-Grazzja Construction Limited (C35291) v. Joseph Vella u b'digriet tas-17 ta' Settembru, 2024 l-atti ġew trasfużi f'isem uliedu Ivan Vella u Rose Ann Vella stante l-mewt tiegħu fil-mori; u b'digriet tal-24 ta' Marzu, 2017 ġiet kjamata in kawża Eileen Vella**[7]

> *"14. L-azzjoni mnedija mill-kumpanija attriċi saret taħt l-Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili. Skont dan l-artikolu tal-liġi, f'każ li l-kuntratt ma jsirx qabel id-data tal-għeluq tal-konvenju, parti f'konvenju għandha l-jedd li titlob lill-parti l-oħra sabiex tersaq għall-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ jew illi tħallasha tad-danni jekk il-kuntratt ma jkunx jista' jsir.*
>
> *15. Rilevanti iżda li dan l-istess artikolu tal-liġi jgħid ukoll li effett ta' wegħda ta' xiri jew ta' bejgħ tispiċċa meta jagħlaq it-terminu tal-konvenju,kemm-il darba wieħed mill-partijiet fil-konvenju ma jsejjaħx lill-parti l-oħra b'att ġudizzjarju biex jersaq għall-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ qabel jilħaq jiskadi l-konvenju u jippreżenta rikors maħluf fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq il-konvenju. Jinżel b'hekk skont dan l-artikolu tal-liġi li biex wegħda ta' xiri jew bejgħ tibqa' ħajja wara l-għeluq tal-konvenju u biex għalhekk parti tkun tista' titlob jew l-eżekuzzjoni tal-kuntratt jew il-ħlas ta' danni jekk dan ma jistax isir, hemm bżonn li jsiru żewġ affarijiet: (i) li jiġi ppreżentat att ġudizzjarju qabel jiskadi l-konvenju biex il-parti l-oħra tersaq għall-kuntratt ta'*

[7] Appell Deċiż 16 ta' Jannar, 2025.

*xiri-u-bejgħ; u (ii) li ssir kawża permezz ta' rikors maħluf fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq il-konvenju;*

*16. Jekk dawn iż-żewġ ħtiġijiet ma jiġux imħarsa, il-konvenju jitlef l-effett tiegħu u b'hekk parti la tkun tista' titlob li jsir il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ u lanqas tkun tista' titlob li tiġi mħallsa għad-danni. L-għeluq tal-konvenju, bla ma jsir il-kuntratt jew bla ma ssir il-proċedura tal-att ġudizzjarju u tar-rikors maħluf, iġġib bħala konsegwenza li kull parti terġa' titpoġġa lura filqagħda li kienet dakinhar qabel ma sar il-konvenju (ara Martin Frederick Searle et v. Jonathan Wayne Marks et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2018). Ifisser dan ukoll, li kull parti tkun trid trodd lura kull benefiċċju li setgħet kisbet bis-saħħa tal-konvenju (ara David Abela et v. Michael Debono et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju, 2020 u Christine Cassar Torreggiani v. Dr. Godfrey Gauċi Maistre deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2007)."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **D. Peak Limited (C12224) vs Salkath Limited (C2173) et.**[8]

ingħad hekk:-

*"L-azzjoni ai termini tal-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili li fost oħrajn jiddisponi hekk:*

*"(1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħal ma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-aċċettant.*

[8] 27 ta' Ġunju 2024 Rikors Numru 138/21TA

*(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għalhekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dakinhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm -il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm -il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien".*

*Salv għall-modiltajiet li jipprovdu b'mod partikolari l-kontraenti, dan l-artikolu dejjem ġie interpretat minn dawn il-Qrati hekk:*

*"L-Artikolu 1357 tal-Kap.16 jippreskrivi li l-effett ta' wegħda ta' bejgħ jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għalhekk, kemm -il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm -il darba, filkaż li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'ċitażżjoni sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien." (Ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Del Negro -vs- Grech, deċiża fl-10 ta' Jannar 1994**). Di piu "Biex konvenju jinżamm fis-seħħ hemm żewġ proċeduri li jridu jittieħdu, u jekk ma jittieħdux it-tnejn, il-konvenju jiskadi anke bħala titolu ta' obbligazzjoni. Meta konvenju jiskadi l-partijiet iridu jirrevertu għall-istat anteċedenti għall-istess konvenju u allura min ikun se jbiegħ jirritorna kull depositu li jkun irċieva." (Ara **Sentenza fl-ismijiet Alexandra Jenkins -vs- Emanuel** Bianco et, de**ċiża mill-Prim tal-Qorti Ċivili, fit-30 ta' Mejju, 2001**).*

*Iż-żewġ proċeduri li presubilment tagħmel referenza għalihom huma dawk tal-ittra uffiċjali li trid tintbagħat qabel jiskadi ż-żmien tal-konvenju. Din lanqas hemm ħtieġa li tkun notifikata. Fi żmien 30 jum minn meta jagħlaq il-konvenju, jiġi preżentat rikors ġuramentat in deduzzjoni tal-pretiżi fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu fuq imsemmi."*

F'deċiżjoni ukoll ċitata mill-intervenuta fil-kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet fl-ismijiet **Stefan u Annabel konjuġi Borg vs Chapelle Residences Ltd (C-68025)**[9]

*"Minn qari ta' din id-disposizzjoni, partikolarment tat-tieni paragrafu li huwa dak l-aktar rilevanti għall-vertenza odjerna, jidher evidenti li dak li huwa vitali huwa l-fatt tan-nuqqas ta' interpellazzjoni uffiċjali minn parti fil-konfront tal-oħra sabiex issir il-pubblikazzjoni tal-att finali.*

*Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Carmelo Byers et vs Paul Caruana et deċiża fis-7 t'April 2011, il-Qorti fissret l-effetti tal-Art1357 (2) tal-Kap. 16 hekk:*

*"Illi din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet* ***Del Negro v. Grech****, deċiża fl-10 ta' Jannar 1994 qalet hekk :*

*"L-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 jippreskrivi li l-effett ta' wegħda ta' bejgħ jispiċċa* ***meta jagħlaq iż-żmien miftiehem*** *bejn il-partijiet għalhekk ... kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju* ***ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien*** *applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'ċitazzjoni* ***sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien****." (sottolinear ta' din il-Qorti)*

*Biex konvenju jinzamm fis-seħħ hemm żewġ proċeduri li jridu jittieħdu, u jekk ma jittieħdux it-tnejn, il-konvenju jiskadi anke bħala titolu ta' obbligazzjoni. Meta konvenju jiskadi l-partijiet iridu jirrevertu għall-istat anteċedenti għall-istess konvenju u allura min ikun se jbiegħ jirritorna kull depositu li jkun irċieva.*

*...*

*Illi l-effett ta' l-ittra uffiċjali hu biss biex testendi l-effetti tal-konvenju għal perijodu ta' xahar, pero`, qabel ma jiskadi dan it-terminu hekk imġedded, biex il-konvenju jibqa' jġorr l-effetti tiegħu, trid issir il-kawża opportuna kif trid il-liġi.*

[9] 11 ta' Gunju, 2024 Rikors Guramentat Nru: 412/2020 AF

*Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Bianchi v. JMA Developments Ltd, deċiża fis-26 ta' Mejju 2006, meta il-Qorti aċċettat l-interpretazzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens li "a tenur ta' l-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 ġialadarba tiġi ppreżentata ittra uffiċjali qabel ma jiskadi t-terminu tal-konvenju, dan l-att ġudizzjarju jestendi l-effetti tal-konvenju għal perjodu ta' xahar sakemm jew l-aċċettant jagħżel li jersaq għall-kuntratt entro dak ix-xahar jew altrimenti sakemm tiġi preżentata l-azzjoni fejn jintalab li l-aċċettant (ossia dak li jkun wiegħed) iwettaq il-wegħda li jkun għamel permezz tal-konvenju."*

*Dan l-istess prinċipju ġie riaffermat fis-sentenza fl-ismijiet Rockap Development Ltd vs Premier Leasing & Investments Co Ltd deċiża fit-18 ta' Novembru 2016 fejn din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:*

*"Dan il-kunċett legali ġie ribadit diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana. Fis-sentenza* ***Brownrigg vs Camilleri****, Appell Ċivili tat-22 ta' Frar 1990, ġie deċiż li jekk parti f'konvenju ma tagħmilx il-proċeduri indikati fl-Artikolu 1357 tal-Kap 16, il-konvenju jispiċċa u parti ma tistax tinsisti fuq l-eżekuzzjoni tiegħu kif lanqas ma tista' tagħmel talba għall-konsegwenti danni f'każ li kuntratt ma jkunx jista' jsir. Ukoll, fil-każ* ***Loreto Abela vs Tereza Spiteri****, Appell Ċivili tat-30 ta' Ottubru 1989 (LXXIII-II-403) ingħad li jekk il-formalitajiet rikjesti f'dan l-artikolu ma jiġux osservati, il-konvenju jitlef l-effikaċja tiegħu u dakinhar li jiskadi l-partijiet jerġgħu lura għall-pożizzjoni li kien qabel sar il-konvenju.*

*Għalhekk f'każ fejn konvenju jiskadi mingħajr ħadd mill-kontendenti ma jimplimenta dak il-konvenju fit-termini tal-validita' tiegħu u lanqas ma jieħu miżuri ġudizzjarji li trid il-liġi biex jinfurzaw id-drittijiet u obbligi reċiproki stipulati fil-konvenju, ifisser li l-partijiet jirritornaw għall-istatus quo ante."*

Magħmula din ir-rassenja ta' ġurisprudenza huwa ċar li l-atturi mhux biss jridu jippruvaw **SEW** li huma żammu ż-żewġ konvenji attivi billi dawn baqgħu jiġu estiżi u reġistrati mal-Kummissarju tat-Taxxi, imma mil-lat proċedurali riedu juru ukoll illi qabel l-iskadenza ta' kull konvenju u qabel ma ġie preżentata l-kawża

odjerna **sejħu b'att ġudizzjarju** lill-kontro parti biex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. **Dan jidher li ma sarx.** Din kienet prova li kienet tispetta lilhom u lilhom biss.

**Fin-nuqqas ta' din il-prova l-Qorti ssib li l-proċedura mressqa hija waħda għal kollox monka u ma tistax titkompla'. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' irritwalita' hija waħda tajba. Il-konsegwenza hi li l-Qorti hija priva milli teżamina l-mertu u tieqaf hawn.**

**Konsegwentement tiċħad it-talbiet bl-ispejjeż għall-atturi solidament bejniethom.**

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Dep. Reġ.**
**Rita Falzon.**